MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Numru. 971/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Christopher Pullicino**

**vs**

**Keith Darmanin**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Keith Darmanin ta’ 25 sena, iben Charles u Grace nee` Vella, imwieled il-Pieta` fis-26 ta` Awissu, 1977 u residenti Keith’s, Mater Buoni Consigli Street, Paola u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 454277 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

1. Nhar it-13 ta` Lulju, 2003 f`Hal Tarxien, ikkommetta serq ta` flus minn 'Vending Machine' sitwata hdejn 'Lazda Supermarket' fi Triq il-Gudja, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u sar ghad-detriment ta` Lewis Brincat;

2. U aktar talli kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 27 ta` Lulju, 2001 fejn hu kien misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Dicembru 2003 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2004 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2004.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Rat il-Pre-Sentencing Report esebit a fol. 16 sa 28 tal-process u l-addenda ghal dan ir-rapport esebit a fol. 42 sa 47 tal-process.

Wara li ezaminat bir-reqqa il-kontenut tal-Pre-sentencing Report kif ukoll ir-rapport addizjonali il-Qorti jidrilha li piena

karcerarja effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi u li jkun aktar opportun li l-imputat jtiqieghed taht supervision order sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli, 28A, 261(b), 263 u 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal prigunerija ta' tmintax (18) il-xahar sospiza ghal tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda taghmel ordni ta' supervizjoni li permezz ta' dan l-ordni tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Maryanne Zammit ghal perjodu ta tmintax (18) -il xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-Ligi jekk ma joqghodx ghal kull ordni legittima illi taghtih l-Ufficjal Sorveljanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------